**Minuti tal-mitejn u ħamsin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar is-Sibt 30 ta' Jannar 2010 fis-2.30 p.m. Din hija wkoll it-tnejn u erbgħin laqgħa tal-ħames leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti :-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Joseph Cordina |
| Viċi Sindku : | Christian Zammit |
| Kunsilliera : | Mary Carmen Bajada |
| | Joseph Bartolo |
| | Kevin Cutajar |
| | |
| Uffiċċjali : | |
| Segretarju Eżekuttiv | Joseph Azzopardi |

**QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 249 li saret nhar l-Erbgħa 6 ta' Jannar 2010 wara li jsiru l-korrezzjonijiet approvati.

Il-laqgħa ġiet sospiża bejn is-2.30 p.m. u l-4 p.m. minħabba żjara ta' uffiċjal mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Artijiet u l-Erarji Pubbliċi.

**Punti mqajma mill-minuti:**

Mary Carmen Bajada ġibdet l-attenzjoni dwar xi tibdiliet li kienet semmiet fil-laqgħa ta' qabel li għandhom jiġu nklużi fl-applikazzjoni għall-proġett fi Pjazza Vitorja. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-applikazzjoni ġiet sottomessa pero dawn jistgħu jsiru meta niltaqgħu mal-Perit. Hi ġibdet l-attenzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Banda *Victory* fil-festa Pawlina f'Marsalforn u sostniet li l-Kunsill kellu jinfurmahom uffiċjalment. Is-Sindku Joseph Cordina aċċerta lill-Kunsill li l-Banda kienet infurmata fil-ħin bil-parteċipazzjoni tagħha f'din l-attivita. Mary Carmen Bajada talbet li s-Segretarju Eżekuttiv iħejji lista tax-xogħlijiet li jridu jkunu jsiru msemmija fil-minuti ta' qabel. Is-Sindku Joseph Cordina ma qabilx pero talab lis-Sinjura Bajada tispeċifika liema huma dawn l-inizjattivi.

Kevin Cutajar staqsa dwar il-bank mal-ġnien tal-Mitħna ta' Kola u xi pavimenti li nqalgħu minn mal-bankina fl-istess post u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li ser isiru fi żmien qasir. Is-Sindku kompla li qegħdin nirranġaw il-kalata f'dan il-ġnien. Kevin Cutajar talab li fuq l-aġenda jkollna *item* l-programmi ta' l-Unjoni Ewropa. Hu staqsa wkoll dwar il-*brochures* li nistgħu nippubblikaw ma' l-M.T.A. u ser niċċekkjaw dwarhom. Kevin Cutajar staqsa dwar il-*bus shelter* li konna ordnajna u s-Segretarju

Eżekuttiv ser jiċċekkja mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Hu staqsa wkoll dwar l-ilment li kien għamel Joe Buttigieg dwar xi rampa u parkeġġ fi Pjazza Vittorja u s-Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja mar-resident. Kevin Cutajar staqsa dwar ilment ta' John Camilleri ta' Triq Kortoll dwar problema ta' l-ilma li ġejja minn Triq Sruġ. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li l-ilma ilu jaqleb hekk minn meta ġiet asfaltata Triq Sruġ. Hu staqsa wkoll dwar iż-żebgħa tal-kaxxi ta' l-ipparkjar mal-*belvedere* ta' San Marzjal u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li ser nerġgħu ngħidu lill-ħaddiema tal-Gvern ċentrali. Kevin Cutajar staqsa dwar il-programm Eures u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fuq stedina tagħna, l-uffiċjali ta' l-ETC jagħmlu sessjoni ta' nformazzjoni lill-pubbliku dwar dan il-programm.

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li ser nitolbu l-pjanti tal-proġett propost minn *Heritage Malta* għat-Tempji tal-Ġgantija.

**APPROVAZZJONI DWAR L-ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA JANNAR – DIĊEMBRU 2010 U L-*FINANCIAL STATEMENTS* GĦALL-PERJODU APRIL – DIĊEMBRU 2009**

Il-Kunsill approva l-estimi finanzjarji kif ippreżentati mis-segretarju eżekuttiv wara li ġew iċċarati xi punti relatati ma' l-infiq fuq it-toroq mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa tal-lokalita ssir il-Ġimgħa 19 jew il-Ħadd 21 ta' Frar.

Il-Kunsill approva wkoll il-*financial statements* għall-perjodu April – Diċembru 2009.

**KOMMUNIKAZZJONIJIET TAS-SINDKU FOSTHOM L-ORGANIZAZZJONI TA' L-ATTIVITAJIET KONNESSI MAL-KARNIVAL, DEVOLUZZJONI TA' L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV, KWOTAZZJONIJIET TAS-S.E.A.P. (PATT TAS-SINDKI), SERVIZZI TA' KENNIESA U MANUTENSJONI ĠENERALI U MATERJI OĦRA**

Is-Sindku Joseph Cordina semma li qed jiltaqa' l-kumitat organizattiv tal-Karnival. Il-Kunsill qabel li l-attivita prinċipali Karnivaleska ssir nhar il-Ħadd 14 ta' Frar 2010 u dik tan-Nazzarenu ssir nhar is-Sibt 13 ta' Frar 2010. Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Frar 2010 ser nagħmlu serata folkloristika li matulha ser intellgħu l-kukkanja. Ser nikkuntattjaw lill-preżentaturi u tal-*P.A. system* filwaqt li nagħmlu l-arranġamenti għall-palk. Minbarra l-kukkanja tal-Ġimgħa ser nippruvaw niġbru xi *sponsors* żgħar mill-ħwienet ta' Pjazza Vittorja u l-madwar sabiex noffruhom lill-pubbliku. Waqt il-programm tal-Ħadd ser titqassam il-prinjolata u l-inbid jitqassam waqt is-serati tal-Ġimgħa u s-Sibt. L-abbozz tal-programm għal dawn il-ġranet ser jiġi diskuss fil-kumitat. Fis-serata tas-Sibt ser norganizzaw xi logħob imħejji minn Joe Louis Sciberras.

Is-Segretarju Eżekuttiv innota li fl-4 ta' Frar ser niffirmaw id-devoluzzjoni ta' l-uffiċċju amministrattiv. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li ser nissottomettu l-applikazzjoni lill-MEPA filwaqt li qed infittxu l-aħjar termini għall-finanzjament. Il-Kunsill ser jiddiskuti ma' Dr. Jason Azzopardi l-aċċess għall-bajja tar-Ramla u tal-bajja ta' Għajn Barrani. Ser nerġgħu wkoll nivverifikaw dwar il-kuntratt tat-tmexxija fuq din il-bajja.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta d-dokumenti relatati mad-devoluzzjoni ta' l-*area* madwar l-Għar ta' Calypso. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din id-devoluzzjoni. Ser nivverifikaw mal-Ministeru għal Għawdex u l-M.T.A. dwar ix-xogħljiet li għandhom isiru f'dan l-għar.

Il-Kunsill qabel li nivverifikaw dwar għalqa li hi proprjeta tal-Gvern fejn hemm il-ġibjun fi Triq Ġużeppi Grech u li tista' tintuża għal diversi skopijiet pubbliċi.

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li l-ħaddiema li għandna mill-E.T.C. qed nużawhom biex inaddfu l-passaġġ pubbliku li jagħti għall-bajja tar-Ramla, l-*playing field* ta' Vjal it-8 ta' Settembru u fit-tindif ta' l-*area* madwar Calypso. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li din l-iskema ġiet imġedda għal perjodu ieħor ta' sitt xhur.

Ser nikkuntattjaw lill-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex dwar il-*patching* ta' Triq is-Sellum.

Il-Kunsill iddiskuta l-pjanta proposta għat-tisbiħ ta' Pjazza Vittorja li għaliha ġie sottomess il-permess li dwaru kellna korrispondenza ma' Dr. Daniele Fantechi. Mary Carmen Bajada semmiet x-xelters li hemm taħt il-pjazza u l-*wires* tal-linji telefoniċi li għaddejjin minn taħtha li nistgħu ninkluduhom ma' din l-applikazzjoni. Hi semmiet ukoll il-possibbilta li nitolbu devoluzzjoni ta' dawn ix-xelters. Peress li l-Arċipriet issottometta applikazzjoni għal mużew fil-Bażilika Marija Bambina, fuq parir tal-Perit Scerri, ser nitolbu laqgħa miegħu sabiex nissottomettu proġett ħolistiku.

Mary Carmen Bajada talbet li nikkunsidraw li nagħmlu l-Kunċert tal-Milied fl-Epifanija u li nivverifikaw dwar il-kor li ser jipprovdi s-servizz ta' kant. Kevin Cutajar issuġġerixxa jekk hux possibbli li din l-attivita nikkombinawha ma' l-attivita *Carols by Candelight*.

Is-Sindku Joseph Cordina semma li bħala parteċipanti fil-Patt tas-Sindki, ser tinħareġ il-kwotazzjoni għall-programm ta' enerġija sostenibbli. Il-Kunsill qabel ukoll li jinħarġu l-kwotazzjonijiet għas-servizzi ta' kenniesa u manutensjoni ġenerali. Id-data ta' l-għeluq ser tkun it-Tnejn 15 ta' Frar 2010.

Mary Carmen Bajada staqsiet dwar il-kuntratti ta' Mary Refalo, Nicolina Sultana u Lorenza Sultana u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li dawn ser jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## QARI TAL-KORRISPONDENZA U LMENTI MIR-RESIDENTI

1) *Memoes* mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali:

*Memo 7/2010* - Skema li titratta l-aċċessibbilta aħjar fil-lokalitajiet. Ser napplikaw sabiex il-passaġġ ta' l-injam fil-bajja tar-Ramla jkun iktar aċċessibbli għal kulħadd. Id-data ta' l-għeluq hi l-Ġimgħa 12 ta' Frar.

*Memo 8/2010* - Xogħlijiet ta' trinek mit-toroq mill-kunsilli lokali.

*Memo 9/2010 -* Xogħljiet fuq toroq residenzjali. Ser nivverfikaw dwar l-iskema tal-PPP filwaqt li l-Perit Scerri ser jipprepara l-istimi għall-asfaltar ta' parti minn Triq Ġnien Imrik, Triq Patri Mattew Sultana u Triq Vestru.

*Memo 11/2010* - ERDF Axis 2 li għandha tinħareġ fi Frar u tagħlaq fis-27 ta' Marzu 2010.

*Memo 14/2010 –* Skemi għal inizjattivi ta' attivitajiet fl-2010. Il-Kunsill qabel li wara li nġibu l-istima mingħand Angie Bonello, ninfurmaw lid-Dipartiment li naċċettaw li nagħmlu l-attivita tagħna fit-12 ta' Ġunju.

*Memo 15/2010 –* Finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli. Ser inqabbdu lill-Perit Scerri sabiex jissottometti applikazzjoni għal studju dwar l-imanniġġjar ta' l-ilma fil-lokalita tagħna. Id-data ta' l-għeluq hi l-15 ta' Marzu 2010.

*Memo 19/2010 –* Fondi għal Konferenzi Internazzjonali f'Malta – ser naraw dwar il-posssibbilta li napplikaw għal Festival tat-Tin f'Settembru.

*Memo 21/2010 –* Skema ta' finanzajment għal restawr ta' siti storiċi. Id-data ta' l-għeluq hi l-Ġimgħa 19 ta' Frar 2010.

*Memo 23/2010* - Avviżi tal-MEPA fuq in-*notice boards* tal-Kunsilli lokali.

*Memo 25/2010 –* Informazzjoni dwar il-ġbir ta' l-iskart li ser jiġi mwieġeb mis-segretarju eżekuttiv.

2) *E-mail* mis-Segretarjat Parlamentari ta' Dr. Chris Said fejn is-Sindku ntalab jirreferi lura l-posizzjoni tal-Kunsill fuq il-*one-way* ta' Triq il-Knisja. Ser nitolbu l-parir tekniku tal-Perit Chris Cachia li fil-leġislatura l-oħra kien għamel studju dwar it-traffiku fil-lokalita tagħna. Kevin Cutajar talab ukoll li nikkonsultaw lir-residenti

Dwar it-talba ta' Anton Bugeja għal *one-way* fi Triq Jannar, is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li qed jiddiskuti l-aħjar soluzzjoni ma' l-A.D.T.

3) Ittra minn *Heritage Malta* fejn talbuna infasslu pjan flimkien għar-restawr tal-Mitħna ta' Kola. Is-Sindku Joseph Cordina talab appuntament magħhom.

4) *E-mail* mingħand Stephen Muscat mill-Awtorita Maltija tal-Kommunikazzjoni dwar l-installazzjoni ta' Wifi għall-użu pubbliku. Ser nitolbu iktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva.

5) *E-mail* mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport dwar il-programm kulturali ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja li d-data ta' l-għeluq tiegħu hi l-1 ta' Ottubru 2010.

6) Ittra mill-MCST fejn infurmawna li ġejna magħżulin biex nospitaw attivitajiet konnessi ma' xjenza fil-komunita. Irridu naslu fi ftehim dwar id-data.

7) Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li saret fis-17 ta' Novembru 2009.

8*) E-mails* mill-A.K.L. dwar il-laqgħa tas-Sindki li ser issir bejn is-26 u s-27 ta' Frar 2010. Ser jattendi s-Sindku Joseph Cordina.

9) *E-mails* mill-A.K.L. dwar attivitajiet li jippromwovu l-ilsien Malti, dati tal-laqgħat u ammonti dovuti mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Din ser tiġi mwieġba mis-Segretarju Eżekuttiv bl-ammont approssimattiv dovut lill-Kunsill maul dawn l-aħħar erba' snin.

10) *E-mail* mill-Għaqda Wirt Għawdex fejn talbuna appuntament biex jiddiskutu x'proġetti nistgħu nagħmlu flimkien. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li uffiċjali minn din l-għaqda ser jiġu jkellmuna waqt xi laqgħa tal-Kunsill.

11) *E-mail* mingħand Cedric Farrugia dwar xi proġetti li jistgħu jinteressawna.

12) Informazzjoni mingħand Rafel Refalo dwar l-ispejjeż konnessi mal-*welcome notice board* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-programm *Leader*.

13) Ittra mill-*Merlin Library* dwar prezzijiet vantaġġjużi għax-xiri ta' kotba għall-librerija tagħna.

14*)* Ittra mill-*Kinder Club* tax-Xewkija sabiex norganizzaw xi attivitajiet soċjali.

15) Informazzjoni dwar il-bidu tas-sena Ċiniża fit-8 u 9 ta' Frar 2010.

16) *E-mail* mingħand il-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu dwar attivita ċiklistika nhar is-Sibt 20 ta' Marzu 2010 fit-triq prinċipali bejn ir-Rabat u x-Xagħra. Il-Kunsill ser jagħti l-permessi meħtieġa sakemm ikun hemm ftehim fuq it-toroq li jridu jingħalqu għat-traffiku.

17) *E-mail* mill-Kor *Gaulitanus* sabiex nikkumissjonawhom għal xi attivita kulturali tagħna.

18) Ittra mill-Mużew tal-Wirt Agrikolu f'San Pawl il-Baħar li stednuna nieħdu r-residenti.

19) Offerti minn *S. Bajada & Sons.* u *Solar Systems* għal sistemi ta' enerġija alternattiva għar-residenti.

20) *E-mail* mingħand Ian Attard ta' Infotech biex norganizzaw xi korsijiet tal-kompjuter.

21) *E-mail* mill-*Malta Enterprise* dwar fondi għall-industrija mill-E.R.D.F. Id-data ta' l-għeluq hi l-Ġimgħa 26 ta' Marzu 2010.

22) Ittra mill-M.E.P.A. fejn infurmawna li l-permess 05957/07 tar-ristorant l-Oleander ser jinstema fit-2 ta' Frar 2010.

23) Ittra mill-M.E.P.A. fejn infurmawna li l-permess 03786/08 għaċ-ċentru ta' interpretazzjoni fir-Ramla ġie approvat.

24) Ilment mingħand Joseph Spiteri ta' Marija Bambina, Triq Karkar sabiex titranġa l-bankina quddiem tiegħu. Ser nagħmluha mal-lista tal-bankini pendenti.

25) Ilment mingħand Joseph Theuma ta' Villa Theuma, Triq Mannar sabiex jiċċaqlaq arblu tad-dawl f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li jħallas €40 sabiex jitneħħa dan l-inkonvenjent.

26) Ilment mingħand Marija Sultana ta' 33, Triq Bertrija sabiex titranġa bankina perikoluża fi Pjazza Vitorja. Dan l-ilment hu diga' solvut.

27) Ilment sabiex isiru diversi sinjali fi Triq l-H.O.S. ta' Dun Anton, tabella f'passaġġ fi Triq Għajn Ħosna u stensil f'passaġġ fi Triq Għajn Qamar.

Is-Sindku Joseph Cordina nnota l-ispiża ta' dan il-passaġġ hi ta' madwar €5,000 u ppropona li l-Kunsill iħallas nofsha (€ 2500) u 'l bqija jitħallas minn sidien privati. Wara diskussjoni l-Kunsill aċċetta din il-proposta. Il-konkos li ser jintuża f'dan il-passaġġ ser jitħallas mill-Ministeru għal Għawdex.

28) Ilment sabiex isir bank ġdid quddiem il-familja Scerri fi Triq George Mcadam. Il-Kunsill qabel li dan isir.

29) Ilment mingħand Ġanni Attard ta' 25, Triq Ġnien Imrik sabiex jitranġaw xi ħofor fit-telgħa tas-Sellum. Ser niċċekkjaw jekk humiex kaptelli tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

30) Ilment mingħand Joseph Gauci ta' Dar Ġesu Redentur, Triq Marsalforn sabiex jitranġa passaġġ dejjaq għall-għelieqi fl-inħawi ta' Għajn Barrani. Il-Kunsill qabel li dan isir.

31) Ilment sabiex jitranġa *culvert* ta' l-ilma fi Triq Bullara. Ser naraw x'jista' jsir.

32) Ilment mingħand Emanuel Sciberras ta' 41, Triq Parisot sabiex jitranġa taraġ ġo għalqa l-Għejjun. Ser naraw x'jista' jsir.

## APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti:

| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4428 | A R M S<br>(miżata għal spustjar | 40.00 | 3065 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ta’ arblu tad-dawl fi Triq Mannar) | | |
| 4429 | Dipartiment tal-Informazzjoni (avviż għall-kwotazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern) | 9.32 | 2930 |
| 4430 | Dipartiment tal-Informazzjoni (avviż għal-laqgħa annwali tal-lokalita’ fil-Gazzetta tal-Gvern) | 9.32 | 3350 |
| 4431 | Josephine Sultana (rimbors ta’ spejjeż - rigali għall-anzjani fl-okkażjoni ta’ għeluq sninhom) | 64.00 | 3380 |
| 4432 | Bartolo Catering (kejkijiet għall-anzjani fl-okkażjoni ta’ għeluq sninhom) | 22.50 | 3380 |
| 4433 | Christabel Bajada (*filming* tal-Kunċert tal-Milied li sar fit-22 ta’ Diċembru 2009) | 150.00 | 3370 |
| 4434 | Galea Mini Market (*groceries* għal diversi okkażjonijiet) | 47.77 | 3340 |
| 4435 | Captured Memories (servizz ta’ fotografija u CD tal-Kunċert tal-Milied 2009) | 140.00 | 3370 |
| 4436 | Il-Kartell Bar & Restaurant (ikla ta’ nofsinhar għall-Onor. Dr. Chris Said u l-Onor. Jason Azzopardi wara l-iffirmar tad-devoluzzjoni tal-uffiċċju amministrattiv) | 219.05 | 3340 |
| 4437 | Manuel Sultana (bini ta’ ħitan tas-sejjieħ) | 1181.88 | 2370 |
| 4438 | G D A Sales & Services (manutenzjoni tal-*air conditioner* fl-uffiċċju tal-Kunsill) | 44.18 | 2330 |
| 4439 | Anthony Galea (tindif tal-*area* ħdejn il-*bring-in-sites*) | 423.44 | 0004 |
| 4440 | Fondazzjoni Belt Vittoria (servizz ta’ Kor waqt il-Kunċert tal-Milied 2009) | 700.00 | 3370 |

| **Nru taċ-ċekk** | **Deskrizzjoni taċ-ċekk** | **Ammont (€)** | **Nru. Ta’ l-*Account*** |
|---|---|---|---|
| 4441 | George Formosa (pjanti) | 43.66 | 3061 |
| 4442 | BCD Graphics Ltd (materjal printjat għall-attivita’ kulturali tal-Ħadd 21 ta’ Frar) | 73.37 | 3370 |
| 4443 | BCD Printing Ltd. (materjal printjat għall-Kunċert tal-Milied 2009 u l-ktieb *full colour* fl-okkażjoni tal-ħmistax-il anniversarju mit-twaqqif tal- | 4440.45 | 3370 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Kunsill) | | |
| 4444 | Agius Industrial Supplies Ltd.<br>(xiri ta' *equipment* għal xogħlijiet tal-Kunsill) | 255.50 | 2370 |
| 4445 | Louis Hili Ironmongery<br>(materjal għal diversi xogħlijiet) | 396.55 | 2370 |
| 4446 | Carmel Cauchi<br>(ġebel tal-franka għal diversi xogħlijiet) | 123.69 | 2370 |
| 4447 | Porto Vecchio<br>(ikla tal-Milied għall-Kunsilliera<br>u l-istaff tal-Kunsill) | 426.48 | 3340 |
| 4448 | Office Needs<br>(linka għal-*laser printer*) | 53.00 | 2330 |
| 4449 | John Grima<br>(trofej u medalji għal attivitajiet varji<br>konnessi mal-festa ta' Sant'Anton Abbati) | 476.75 | 3370 |
| 4450 | Victory Garage<br>(servizz ta' *minibus* lill-anzjani li<br>jattendu ċ-Ċentru tagħhom ta' matul il-Jum) | 270.45 | 3380 |
| 4451 | Discount Cross Road Ironmongery<br>(materjal għal diversi xogħlijiet) | 112.00 | 2370 |
| 4452 | Kummissarju tal-Pulizija<br>(servizz mogħti waqt l-attivitajiet tal-<br>Karnival) | 114.78 | 3370 |
| 4453 | Mons. Anton Saliba<br>(tnax-il ktieb għal-librerija pubblika) | 39.00 | 2995 |
| 4454 | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali<br>(ħlas għar-reġistrazzjoni tas-Sindku għall-<br>Konferenza tas-Sindki 26 u 27 ta' Frar<br>2010) | 165.00 | 2541 |
| 4455 | Guard & Warden Service House<br>(servizzi ta' gwardjani lokali għall-<br>attivitajiet tal-Karnival) | 165.36 | 3370 |

| **Nru taċ-ċekk** | **Deskrizzjoni taċ-ċekk** | **Ammont (€)** | **Nru. Ta' l-*Account*** |
|---|---|---|---|
| 4456 | GO p.l.c.<br>(kera u *charges* tas-servizzi tat-telefonija) | 171.38 | 2150/<br>2160 |
| 4457 | Melita p.l.c.<br>(kera u *charges* għas-servizzi tal-*Hello*) | 167.77 | 2160 |
| 4458 | Gozo Express Services<br>(servizzi ta' kurrier) | 53.68 | 2640 |
| 4459 | Galea Curmi Engineering Consultants<br>(*contract management fee* fuq<br>id-devoluzzjoni tad-dwal fit-toroq) | 116.98 | 3065 |
| 4460 | Gozo Business Systems Ltd.<br>(*fax machine* u linka għall-*printers* | 196.95 | 2330/<br>7310 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | tal-uffiċċju amministrattiv) | | |
| 4461 | Gatt Enterprises Ltd.<br>(*supply* ta' ramel għal diversi xogħlijiet) | 97.94 | 2370 |
| 4462 | Mary F. Refalo<br>(servizz mogħti fic-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani matul Jannar 2010) | 96.70 | 3050 |
| 4463 | Nicolina Sultana<br>(servizz mogħti fic-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani matul Jannar 2010) | 65.63 | 3050 |
| 4464 | Lorenza Sultana<br>(servizz ta' tindif tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u tal-librerija pubblika għax-xahar ta' Jannar 2010) | 93.20 | 3055 |
| 4465 | Gozo Press<br>(materjal stampat għall-attivitajiet konnessi ma' żmien il-Milied) | 507.30 | 3370 |
| 4466 | Michael Mercieca<br>(trasport ta' materjal tal-bini) | 105.00 | 2312 |
| 4467 | Nazzareno Xerri<br>(xogħlijiet ta' pavimentar) | 150.00 | 2312 |
| 4468 | Nazzareno Xerri<br>(diversi xogħlijiet ta' pavimentar) | 1280.00 | 2312 |
| 4469 | Smart Office Supplies Limited<br>(*labels*) | 32.14 | 2620 |
| 4470 | Frank's Excavations<br>(xogħlijiet magħmula fl-inħawi ta' San Marzjal) | 442.21 | 2370 |
| 4471 | Marpo Trading Company Limited<br>(materjal għal diversi xogħlijiet) | 58.50 | 2370 |

| **Nru taċ-ċekk** | **Deskrizzjoni taċ-ċekk** | **Ammont (€)** | **Nru. Ta' l-*Account*** |
|---|---|---|---|
| 4472 | InfoTech Supplies and Services<br>(*stationery*) | 79.59 | 2620 |
| 4473 | Strand Electronics Limited<br>(manuntenzjoni lill-*photocopier* tal-uffiċċju) | 41.30 | 2330 |
| 4474 | Cini Service Station<br>(*fuel*) | 267.10 | 2750 |
| 4475 | WasteServ Malta Limited<br>(kiri ta' bins għall-*bring-in-sites* u miżati għal *dumping* ta' materjal fil-Qortin) | 7110.39 | 3040 |
| 4476 | Lewis Bajada<br>(ħlas għal tindif *extra* li sar il-Ħadd 17 ta' Jannar 2010 fil-festa ta' Sant'Anton Abbati) | 50.00 | 3051 |
| | | | |
| | **TOTAL:** | **21,391.26** | |

Il-laqgħa spiċċat fis-7 p.m.

Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 23 ta’ Frar 2010 fil-5.00 p.m.

**Joseph Cordina**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Segretarju Eżekuttiv**